MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru 164/2006

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

vs

Martin Cachia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identità numru 235859M, akkuzat talli:

1. nhar il-Hadd 20 ta' Novembru 2005, fuq il-monti ta' San Gakbu, fil-Belt Valletta, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioè 331 optical diskettes konsistenti f'DVDs, Playstation software u CDs tal-muzika;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha u cioè 331 optical diskettes konsistenti f'DVDs, Playstation software u CDs tal-muzika;
4. b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 19 ta' Gunju 2001, 16 ta' Ottubru 2001, 3 ta' Settembru 2002, 14 ta' Novembru 2002, 3 ta' Frar 2003 u 3 ta' Ottubru 2003 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Ottubru 2006 (fol 258) li biha fuq appell ta' l-istess akkuzat iddikjarat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-15 ta' Gunju 2006 nulla u bla effett u ordnat ir-rinviju tal-atti lil din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex terga taghti s-sentenza skond il-ligi.

Rat il-verbal taghha tat-8 ta' Ottubru 2009 li bih il-partijiet ezentaw il-Qorti li terga tisma' x-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni.

Rat il-kwerela tal-parti offiza debitament mahlufa ghal finijiet tal-Artikolu 298B tal-Kap 9.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw il-qerq fil-kummerc, ksur tad-drittijiet tal-awtur reati dwar oggetti pornografici jew oxxeni u r-recidiva. Mill-provi jirrizulta li wara spezzjoni li saret fil-jum tal-Hadd fis-suq tal-Belt gew elevati diversi optical diskettes konsistenti b'kollox f'280 audio CDs, 35 DVDs u 16 Play Station software kontrafatti. L-oggetti kienu f'van tal-marka Ford Transit numru ta' registrazzjoni HAC746 li ex admissis huwa tal-akkuzat. Minn dan ghalhekk tirrizulta r-reita' tal-akkuzati ghar-reati kollha kontrih dedotti wkoll r-recidiva stante s-sentenzi esebiti li ilkoll jirreferu ghall-akkuzat b'numru ta' karta ta' identita' 235859M u korrispondenti l-generalitajiet tieghu.
Rat ghalhekk l-Artikoli 298(1)(a)(b), 298B, 208, 49, 50, 17, 31 tal-Kap 9 tikkundannah €2300 multa komplessiva.
Ghal din id-darba l-Qorti qeghedha minflokk thassar jew tissospendi l-licenzja/i tal-kummerc tal-akkuzat fit-termini tal-artikolu 31 tal-Kap 441 qeghedha twissih bil-konsegwenzi jekk jippersisti f'din l-attivita' kummercjali tieghu.
Tordna  l-konfiska tal-oggetti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------